MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 169/2001/1

**John Mifsud**

**Vs**

**Lawrence sive Lorry Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundanant li jhallas lill-attur is-somma ta' erba' mitt lira (Lm400) rapprezentant ammont moghti lill-konvenut mill-attur bhala depozitu ghal xoghol tal-aluminium, liema xoghol qatt ma sar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata hdax (11) ta' Ottubru 2000 u bl-imghax, il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ittermina l-kuntratt ta' appalt mal-eccipjent minghajr raguni valida fil-Ligi, hekk kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza.
2. Illi ulterjorment u bla pregudizzju ghal dak hawn fuq premess l-attur mhux intitolat ghal-hlas tas-somma ta' erba' mitt lira maltija hekk kif pretiz mill-istess attur fl-avviz odjern stante li l-eccipjent inkorra diversi spejjez fil-kuntest tal-kuntratt ta' appalt mal-attur liema spejjez kienu jeccedu s-somma ta' erba' mitt Lira Maltija u ghalhekk l-eccipjent ghandu kreditu kontra l-attur. In vista ta' dak eccepit f'din l-eccezzjoni u stante li fil-kaz prezenti jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligjijet ta' Malta sabiex issir talba rikonvenzjonali, l-eccipjent effettivament ser juzufruwixxi mid-dritt tieghu li jaghmel talba rikonvenzjonali kontra l-attur b'dawn l-istess proceduri.
3. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Lawrence sive Lorry Saliba kontra l-attur John Mifsud li fiha jinghad:

B'din il-kontro-talba inti John Mifsud msejjah tidher quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija fis-7 ta' Novembru 2001 quddiem il-Magistrat Joseph Apap Bologna B.A., LL.D., biex twiegeb ghall-kontro-talba ta' Lawrence sive Lorry Saliba ta' 15, L.S. Aluminium, 'Lormar', Triq in-Nevew, Zabbar, u tghid ghalhekk ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundannak thallas lill-konvenut l-ispejjez kollha inkorsi mill-konvenut u l-valur tax-xoghol li l-konvenut ghamel in konnessjoni mal-kuntratt ta' appalt bejnek u bejn il-konvenut.
2. Tillikwida somma ta' flus ammontanti ghall-qliegh illi l–konvenut seta' ghamel bl-imsemmi kuntratt ta' appalt,

prevja okkorrendo dikjarazzjoni illi inti temmejt il-kuntratt ta’ appalt mal-konvenut minghajr raguni valida fil-Ligi.
3. Tikkundannak thallas lill-konvenut tali somma hekk likwidata minn din il-Qorti ai termini tat-tieni talba liema somma hekk likwidata tirrapprezenta l-qliegh illi l–konvenut seta’ jaghmel bil-kuntratt ta’ appalt hawn fuq imsemmi.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-attur John Mifsud li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-attur rikonvenzjonat (fol 13 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante il-fatt illi hu ma ghamel ebda xoghol u lanqas ma ghamel spejjez in konnessjoni tal-kuntratt ta’ appalt bejnu u l-eccipjent u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi l-eccipjent sejjah lill-konvenut ghal diversi drabi biex jibda ix-xoghol in kwistjoni izda dan baqa’ inadempjenti u ma ta’ ebda raguni valida u gustifikata ghal dan in-nuqqas, anzi kien ammetta li x-xoghol lanqas ma kien inbeda.
3. Illi kien biss wara li ghadda hafna zmien u wara li l-eccipjent intebah li l-konvenut ma kellu l-ebda intenzjoni li jibda x-xoghol in kwistjoni illi l-eccipjent irrexinda l-kuntratt ta’ appalt u talab ir-rifuzjoni tad-depozitu permezz tal-ittra ufficjali datata 11 ta’ Ottubru 2000.
4. Ghalhekk it-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra tieghu.
5. Salvi eccezzjonjiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward it-talba tal-attur kif dedotta mill-avviz in esami u dawk maghmulin mill-konvenut fil-kontro talba

sottomessa minnu, gew prodotti, fil-qasir, is-segwenti provi:

a) <u>L-attur</u> (fol 18 et seq ibid) spjega li hu kien inkariga lill-konvenut sabiex jesegwixxi xoghol ta' twieqi, bibien u galleriji tal-'aluminium' f'post f'Ta' Xbiex. Dwar l-istess xoghol, kienet saret stima tal-prezz, iffirmata mill-istess konvenut u li tinsab esebita bhala 'vera copia' a fol 20 tal-atti. Inoltre fid-19 ta' April 2000 hu kien hallas <u>Lm400</u> "as a deposit for new aluminium" kif risultanti mill-ircevuta esebita a fol 21 ibid u dan sabiex il-konvenut jkun jista' jakkwista materjal sabiex jesegwixxi l-appalt moghti lilu. Sussegwentement, l-istess attur kien cempel diversi drabi lill-konvenut sabiex jara meta dan kien ser jibda x-xoghol minghajr, pero', ebda risposta sakemm, f'okkazjoni wahda, l-konvenut kien qallu illi '... ma jiflahx'. Difatti, meta l-konvenut ma kienx taha spjegazzjoni dwar id-dewmien u l-konvenut kien dam '… fuq sena' qatt ma jigi l-hemm…', l-attur xtaq li jiehu lura d-depositu gja mhallas minnu. Ta' min jsemmi illi l-attur u l-konvenut fil-perjodu in kwistjoni kienu marru flimkien sabiex jaraw post iehor sabiex il-konvenut jaghmel xoghol f'dan il-post izda l-attur ma kienx tah dan l-inkarigu ghax '… ma konniex ftehmna'.

b) <u>Il-konvenut</u> (fol 25 et seq ibid) spjega illi hu kien uza d-depositu in kwistjoni sabiex jixtri l-materjal, necessarju ghall-esekuzzjoni ta' dan l-appalt. Filfatt, skond il-konvenut, hu kien nefaq Lm668.33,0 sabiex jakkwista dan il-materjal (ara l-ircevuta relattiva a fol 29 ibid u li hi datata d-19 ta' April 2000 kif ukoll l-<u>erba' ritratti</u> esebiti minnu, u li huma a fol 28 u li juru l-materjal akkwistat) u dan kien sar fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-attur in vista li '… x-xoghol ma kienx ser jsir mal-ewwel ghax kien ghad fadal xi xogholjiet interni, li kellhom isiru f'ufficini fosthom madum'. In rigward l-istess materjal, il-konvenut kompla billi qal illi dan kien ghadu, fil-pussess tal-konvenut … u jinsab fil-'work shop' tieghu'. Stante li , bl-ebda mod, ma kien intuza f'xi xoghol iehor. Il-konvenut kompla biex jghid li l-attur 'Qatt ma qalli … li stajt nibda' x-xoghol f'Ta Xbiex anki kien jghidlu 'ibda meta nghidlek jiena'. Sussegwentement, skond il-konvenut, wara xi xahar, l-attur kien offra lill-istess konvenut li jaghmel xoghol iehor f'post f'Saint Andrew' s.

Pero, , avolja hu, il-konvenut, kien issottometta aktar minn stima wahda, l-attur kien jidher li kien 'indeciz' jew kien ipproponilu, lill-konvenut, li jaghmel xoghol li fil-fehma tal-istess konvenut, kien 'impossibbli'. Dan l-istat ta' fatt wassal sabiex l-attur jirrabbja mal-konvenut u qal lil dan 'biex ninsa' x-xoghol f'St Andrew's' u qalli, ukoll , sabiex naghtih lura d-deposit tax-xoghol l-iehor tal-Imsida' (Ta' Xbiex). Fl-ahhar nett il-konvenut spjega li 'Suppost li fuq ix-xoghol in kwistjoni soggett ghal din il-kawza, jiena ikkalkolajt li kien ser jkolli prospett ta' Lm400'. Pero, dwar din il-figura, l-konvenut ma issottometta ebda prospett dettaljat jew prova ohra sabiex jissostanzja din il-figura'.

Ikkunsidrat

Illi, a bazi ta' dak premess jirrizulta li l-ammont pretiz fl-avviz gie, effettivament, mhallas lill-konvenut bhala 'as a deposit for new aluminium'. Skond kif xehed il-konvenut, kif sostnut mill-erba' (4) ritratti sottomessi u esebiti minnu a fol 28 tal-atti, dawn il-flus, filfatt, intuzaw minnu ghal dan l-iskop, liema aluminium kien ghadu fil-pussess tieghu. Sussegwentement jidher illi, kif risultanti mix-xhieda moghtija rispettivament mill-partijiet, ir-relazzjonijiet bejniethom ma baqghux ottimali u tajbin bit-tnejn jitfghu t-tort reciprokament fuq xulxin.

Illi, fil-fehma tal-Qorti:

a) Ma ghandhiex bizzejjed elementi fuq xiex tistrieh sabiex tista' tghid dwar minn effettivament kien responsabbli ghall-esitu kif hawn fuq spjegat ta' dan l-appalt.
b) Fil-fehma taghha l-attur seta jew adixxi lill-Qorti sabiex jigi xolt l-appalt in kwistjoni minhabba inadempjement tal-istess appalt da parti tal-konvenut jew, jekk ma hemmx raguni valida juza dak li jinghad fl-artikolu 1640 tal-Kodici Civili, zewg rimedji li ma ntuzawx mill-attur.

Illi, in rigward il-konvenut u b'referenza ghall-kontro-talba maghmula minnu, hu semplicement, qal li kellu jaqla prodott ta' Lm400 minn dan l-appalt, minghajr ma

ssottometta xi prova in sostenn taghha (ara fol 27 it-tielet (3) paragrafu minn fuq).

Ikkunsidrat

Illi, maghmulin dawn il-konsiderazzjonijiet jidher illi din il-Qorti ma tistax takkolji dak mitlub mill-partijiet fl-avviz in esami kif ukoll fil-kontro talba maghmula mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad kemm it-talba tal-attur kemm il-kontrotalba tal-konvenut bl-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------